**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 26 ta' Lulju 2021**

**Rikors Numru 57/2020**

**George Camilleri**

**vs**

**(1) Ministru tal-Intern, Sigurtà Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi;**
**(2) Kummissarju tal-Pulizija**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **George Camilleri** ppreżentat fis-17 ta' Lulju 2020 li permezz tiegħu ppremetta s-segwenti:-

*"Illi permezz ta' ittra mibgħuta mill-Aġent Kummissarju tal-Pulizija Carmelo Magri datata 22 ta' Ġunju 2020, l-appellant George Camilleri ġie nfurmat illi l-applikazzjoni ta' liċenza ta' Gwardjan Privat, ma ġietx milqugħa u dan ai termini tal-artikolu 10 (a) (iii) tal-Kap 389 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Illi r-rikorrent ħass ruħu aggravat minn dina d-deċiżjoni u għalhekk qed jinterponi dan l-umli appell quddiem dan it-Tribunal ai termini tal-artikolu 11 (3) tal-Kap 389 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Illi l-appellant applika għal tali liċenza minħabba illi huwa l-uniku għixien għall-familja tiegħu inkluż ta' martu li għandha kundizzjoni medika iżda din ġiet irrifjutata [Dok. 'A'] u dana għaliex*

*l-Aġent Kummissarju tal-Pulizija rrileva illi l-appellant kien tkeċċa mill-Pulizija ta' Malta minħabba xi reat jew nuqqas ieħor fl-imġieba;*

*Illi m'hemmx dubju li tali deċiżjoni amministrattiva meħuda mill-Aġent Kummissarju tal-Pulizija hija waħda inġusta, irraġjonevoli u bbażata fuq konsiderazzjonijiet irrilevanti, kif ukoll sproporzjonata u dana hekk kif ser jipprova l-istess rikorrent waqt it-trattazzjoni tal-kawża odjerna;*

*Illi għalhekk dan it-Tribunal għandu jħassar tali deċiżjoni tal-Aġent Kummissarju tal-Pulizija [Dok. 'A'] u tinħareġ il-liċenzja relattiva lir-rikorrent u dana għaliex dak li qed jirreferi għalih l-Aġent Kummissarju tal-Pulizija sar iktar minn għoxrin sena ilu, ir-rikorrent patta qares ta' għemilu u għalhekk huwa għandu jingħata tali liċenzja;*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet hawn premessi l-esponenti jitlob bir-rispett li dan l-Onorabbli Tribunal jogħġbu:*

*1. Jiddikjara, in linja ta' reviżjoni, li d-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija datata 22 ta' Ġunju 2020 għandha tiġi mħassra u dana għar-raġunijiet suindikati;*

*2. Jordna lill-intimati jew min minnhom li jagħtu l-liċenzja għall-Gwardjan Privat lir-Rikorrent;*

*3. Jordna kwalunkwe provvediment ieħor li jidhirlu xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi."*

Ra r-risposta **tal-intimati** ppreżentata fil-11 ta' Awwissu 2020 li permezz tagħha eċċepew is-segwenti:-

"

1. *Illi preliminarjament, l-esponenti jeċċepixxu li l-Avukat tal-Istat għadu ma ġiex notifikat ai termini tal-artikolu 181B(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Illi in vena preliminari wkoll, l-esponenti jirrilevaw illi l-Ministru tal-Intern, Sigurtà Nazzjonali u l-Infurnzar tal-Liġi mhuwiex il-leġittimu kontradittur ai termini tal-Kap. 389 u tal-artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

3. *Illi subordinatament u mingħajr preġidizzju għas-suespost, l-esponent Kummissarju tal-Pulizija jeċċepixxi illi t-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u dan għaliex kien hemm raġunijiet validi u b'saħħithom biżżejjed sabiex jiġġustifikaw id-deċiżjoni tal-istess esponent li ma joħroġx il-liċenzja ta` gwardjan privat lir-rikorrent a bażi tal-Artikolu*

*10 (a) (iii) tal-Kap 389 (Att Dwar il-Gwardjani Privati u Lokali), kif ser jiġi muri u spjegat fil-mori tas-smiegħ ta' din il-kawża;*

4. *Illi l-esponent Kummissarju tal-Pulizija jirrileva illi r-rikorrent kien jifforma parti mill-Korp tal-Pulizija sa minn nhar il-ħmistax (15) ta' Marzu tal-1986, iżda ntemmlu l-impjieg tiegħu mill-Korp tal-Pulizija nhar il-ħmistax (15) ta' Settembru, 1994 wara li ttieħdu proċeduri dixxiplinarji fil-konfront tiegħu.* ***Il-Kummissarju esponent ikkunsidra li dan jinkwadra perfettament taħt l-Artikolu 10 (a) (iii) tal-Kap 389 tal-Liġijiet ta' Malta****, u dan kif ser jiġi wkoll trattat fil-mori ta' dan ir-rikors;*

5. *Illi l-Artikolu 10 (a) ma jagħtix setgħa diskrezzjonarja lill-Kummissarju tal-Pulizija, iżda* ***jimponi obbligu fuq il-Kummissarju*** *li jirrifjuta ħruġ jew it-tiġdid ta` liċenzja jekk tkun tissussisti sitwazzjoni taħt is-subartikoli 10(a)(i) sa (vi) tal-istess Kapitolu 389;*

6. *Illi l-artikolu 10(a)(iii) tal-Kap. 389 tal-Liġijiet ta' Malta lanqas ma jistipola xi terminu ta' riabilitazzjoni fejn wara li jgħaddi perjodu ta' żmien applikazzjoni ta' dan it-tip tkun tista' tiġi milqugħa mill-esponent Kummissarju. Illi terminu ta' riabilitazzjoni jidher li jingħata biss fil-każi li jaqgħu taħt l-artikolu 10(a)(v). B'hekk hija ċara li l-leġiżlatur ried li applikazzjoni tkun rifjutata dejjem u fi kwalunkwe każ jekk tkun tissussisti s-sitwazzjoni kontemplata taħt l-artikolu 10(a)(iii) tal-Kap. 389 tal-Liġijiet ta' Malta ġjaladarba m'hemm indikat ebda terminu ta' riabilitazzjoni;*

7. *Illi finalment b'referenza għat-tieni talba rikorrenti, l-esponenti jirrilevaw illi dan l-Onorabbli Tribunal ma jistax jordna lill-esponent jagħti l-liċenzja ta' Gwardjan Privat, se mai dan l-Onorabbli Tribunal jista' jordna lill-esponent jerġa' jikkonsidra d-deċiżjoni minnu mogħtija, u dan għaliex il-kompetenza tat-Tribunal hija purament waħda ta' reviżjoni ta' deċiżjonijiet u mhux li jarroga fuqu l-poter deċiżjonali li għandhom l-awtoritajiet pubbliċi;*

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti qegħdin bl-akbar rispett jadixxu lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jiċħad it-talbiet tar-rikorrent fl-interità tagħhom bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent."*

Sema' l-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ra li r-rikors ġie mħolli għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi mir-rikors promutur jirriżulta illi r-rikorrent qiegħed jikkontesta deċiżjoni tal-Kummissarju intimat li permezz tagħha rrifjuta li joħroġ liċenzja ta' gwardjan privat u dan peress li rriżultalu li l-istess rikorrent kien tkeċċa mill-Pulizija ta' Malta minħabba xi reat jew xi nuqqas ieħor fl-imġieba tiegħu.

**Ir-rikorrent** stqarr illi huwa kien spiċċa mis-servizz tal-Pulizija fl-1994 meta kellu tmienja u għoxrin sena. Huwa jammetti li sena qabel, u cioè fl-1993, kien ikkommetta kontravenzjoni, però kien tkeċċa mill-Pulizija fuq affarijiet oħra. Jispjega li mill-1993 huwa ħadem bħala gwardjan ma' kumpaniji lokali u wkoll bħala kok kemm lokalment u kif ukoll barra minn Malta. Jispjega li huwa għandu bżonn il-liċenzja in kwisjtoni peress li huwa l-uniku persuna li taħdem fil-familja peress li martu għandha problemi mediċi.

In kontro-eżami r-rikorrent stqarr illi huwa kien ġie misjub ħati ta' serq waqt li kien qiegħed jaħdem bħala gwardjan. Spjega li huwa kien tkeċċa mill-Pulizija peress li ma kienx ta biżżejjed *tickets.*

**L-Ispettur Jurgen Vella,** stazzjonat fit-Taqsima tar-Riżorsi Umani tal-Korp tal-Pulizija**,** spjega illi r-rikorrent kien tkeċċa mill-Korp tal-Pulizija wara li l-*Public Service Commission* kienet approvat it-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu. Illi din it-terminazzjoni seħħet wara li r-rikorrent kien wettaq numru ta' reati kontra d-dixxiplina.

**L-Ispettur Sarah Magri** spjegat illi r-raġuni tar-rifjut kienet it-tkeċċija tar-rikorrent mill-Korp tal-Pulizija, liema raġuni kienet ibbażata fuq artikolu 10 (a) (iii) tal-Kaptiolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ikkunsidra:**

Illi t-Tribunal se jgħaddi biex jindirizza l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari tal-intimati.

Illi permezz tal-ewwel eċċezzjoni l-intimati eċċepew li l-Avukat tal-Istat għadu ma ġiex notifikat ai termini tal-artikolu 181B (3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi dan it-Tribunal diġà kellu l-okkażjoni diversi drabi jippronunzja ruħu dwar din l-eċċezzjoni. Minkejja dan, għal xi raġuni l-istess eċċezzjoni baqgħet tingħata fi proċeduri bħal dawk odjerni. It-Tribunal jirrileva illi dawn il-proċeduri huma proċeduri taħt liġi speċjali, u cioè taħt il-Kapitolu 490 tal-Liġijiet ta' Malta, liema

Kapitolu jirregola l-proċedura li għandha tiġi segwita quddiem dan it-Tribunal. Kwindi t-Tribunal huwa tal-fehma illi ma huwiex tassattiv illi r-rikors promutur jiġi notifikat lill-Avukat tal-Istat. Huwa biżżejjed li r-rikors promutur jiġi indirizzat kontra l-entità governattiva li tkun ħarġet l-att amministtrativ impunjat. Kwindi l-ewwel eċċezzjoni qiegħda tiġi miċħuda.

Permezz tat-tieni eċċezzjoni l-intimati eċċepew li l-Ministru tal-Intern, Sigurtà Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi mhuwiex il-leġittimu kontradittur ai termini tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. L-intimati għandhom raġun. Huwa biss il-Kummissarju tal-Pulizija li jrid iwieġeb għal-lanjanzi tar-rikorrenti siccome kien huwa l-entità amministrattiv li ddeċieda r-rifjut tal-applikazzjoni odjerna. Għaldaqstant din l-eċċezzjoni qiegħda tiġi milqugħa.

Illi t-Tribunal huwa tal-fehma li jkun għaqli li jiċċita l-artikolu 10 (a) (iii) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijet ta' Malta (Att dwar il-Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunità):

*"10. Il-Kummissarju tal-Pulizija* ***għandu jirrifjuta***[1] *applikazzjoni f'kull waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:*

*(a) meta l-applikant jew xi uffiċjal tal-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu provduti mill-applikant –*

*(iii) tkun tkeċċiet mill-pulizija jew mill-forzi armati jew mis-servizzi tal-ħabs minħabba xi reat jew xi nuqqas ieħor fl-imġieba."*

Illi kwindi, jekk jirriżulta illi r-rikorrent tkeċċa mill-Pulizija minħabba xi reat jew xi nuqqas ieħor fl-imġieba, allura l-Kummissarju intimat m'għandux diskrezzjoni x'jeżerċita u jrid bilfors jirrifjuta l-applikazzjoni.

Illi kif irriżulta mill-provi prodotti, ir-rikorrent kien tkeċċa mill-Korp tal-Pulizija minħabba nuqqas fl-imġieba tiegħu u dan kif jirriżulta minn Dokument JV1 esebit a fol. 38 tal-proċess. Minn dan id-dokument jirriżultaw sensiela ta' ħmistax-il reat ta' dixxiplina li tagħhom instab ħati waqt li kien għadu jifforma parti mill-Korp tal-Pulizija. Għal kull reat kontra d-dixxiplina jirriżulta li r-rikorrenti rċieva sanzjoni sakemm fl-1994 ġie terminat is-servizz tiegħu u dana fl-interess pubbliku.

---

[1] Enfasi tat-Tribunal

Illi huwa diffiċli biex dan it-Tribunal jagħti xi interpretazzjoni oħra għajr li l-Kummissarju intimat, rinfaċċjat b'dawn iċ-ċirkostanzi, ma seta' bl-ebda mod joħroġ il-liċenzja rikjesta mir-rikorrent. Illi filwaqt li t-Tribunal jifhem li r-rikorrenti għandu ċirkostanzi partikolari ta' bżonn li jgħajjex il-familja tiegħu, madanakollu ma jistax jinterpreta l-liġi mod ieħor. Filwaqt li huwa minnu li għaddew numru kbir ta' snin minn meta ġie mkeċċi mill-Korp tal-Pulizija, il-liġi ma tagħmilx distinzjoni bħalma pereżempju tagħmel taħt is-subartikolu 10 (a) (v) fejn hu permissibbli li l-Kummissarju intimat joħroġ liċenzja jekk l-applikazzjoni ssir fi żmien ħames (5) snin minn meta jkunu twettqu ċertu reati partikolari.

Illi għaldaqstant dan it-Tribunal, bħall-Kummissarju intimat, irid jeżamina l-applikazzjoni tar-rikorrent b'mod oġġettiv u ma jistax jiddipartixxi minn dak li tistipula l-liġi. Kif ġja ngħad iktar 'il fuq, mill-kwadru tal-fatti ppreżentati quddiem dan it-Tribunal, jirriżulta illi ma hemm xejn inġust jew irraġjonevoli fid-deċiżjoni appellata. Lanqas ma jara li d-deċiżjoni ttieħdet abbażi ta' konsiderazzjonijiet irrilevanti jew li fiċ-ċirkostanzi kienet sproporzjonata.

**DECIDE**

Għaldaqstant, it-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq premessi u fit-termini hawn fuq enunċjati, filwaqt li qiegħed jillibera mill-osservanza tal-ġudizzju lill-Ministru tal-Intern, Sigurtà Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi, qiegħed jiċħad it-talbiet tar-rikorrent, jiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati u jilqa` l-eċċezzjonijiet l-oħra kollha tal-istess intimati.

Bl-ispejjeż a karigu tar-rikorrent.

______________________________

**Maġistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

_________

**Diane Gatt**
**Deputat Reġistratur**